**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH LL.D.**

**Illum it-12 ta' Novembru 2019**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**George Douglas Barbaro Sant et.**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet mressqa kontra George Douglas Barbaro Sant bil-karta tal-identità numru 152252M, u Oliver Fenech bil-karta ta' l-identità numru 464982M, li permezz taghhom gew akkuzati li:

1.*Fuq talba ta' l-Awtorita ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-post tax-xoghol qed jigi akkuzat George Douglas Barbaro Sant talli fil-kapacita tieghu personali/u jew bhala direttur ta' P.T. Matic Environmental Services Limited u persuna li thaddem u Oliver Fenech fil-kapacita tieghu personali u/jew bhala General Manager fl-istess kumpanija talli nhar il-11 ta' Frar, 2016 matul il-gurnata f'J&J Industrial Complex, Dejma l/o Mqabba b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni taghkhom jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkagunajtu l-mewt ta' Jerry Francisco u dan ai termini tal-Art.225 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*2. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi u/jew fil-granet u x-xhur ta' qabel nqastu milli tharsu s-sahha u sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi nqastu milli tiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikoli 6 (1) u (2) ta' l-att 27/2000 Kap 424.*

*3. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li thaddmu nqastu li taghmlu, jew li tizguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta' kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkonfernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini ta' l-artikolu 10 (1) ta' l-A.L. 36/03 (S.L.424.18).*

*4. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi nqastu li taraw li apparat tax-xoghol mobbli bil-haddiema abbord ghandu jkun iddisinjat biex jirrestringi, taht il-kondizzjonijiet attwali tal-uzu, ir-riskji li jistghu jinqalghu jekk l-apparat tax-xoghol jinqaleb, jew permezz ta' struttura ta' protezzjoni li tizgura li l-apparat, ma jmilx b'iktar minn kwart ta' dawra, jew inkella bi struttura li thalli spazju bizzejjed madwar il-haddiema abbord kemm il-darba jkun jista' jkompli jmil iktar minn kwart ta' dawra, jew b'xi apparat iehor ta' effett ekwivalenti. Fejn ikun hemm riskju li jekk l-apparat jinqaleb haddiem abbord jista' jkun mghaffeg bejn partijiet tal-appara tax-xoghol u l-art, ghandha tkun installata sistema li ma thallix il-haddiema abbord jinqalbu u dan ai termini ta' Art. 4.18 (Skeda I) ta' A.L. 282/04 (A.L. 293/16).*

*5. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi nqastu li taraw li fork lift trucks li jgorru haddiem wiehed jew aktar ghandhom ikunu adattati jew armati biex jillimitaw ir-riskju li l-fork lift truck jinqaleb, bhal bl-installazzjoni ta' kabina ghas-sewwieq, jew bi struttura li tevita li l-fork lift truck jinqaleb, jew bi struttura li tizgura li, kemm-il darba l-fork lift truck jinqaleb ikun hemm wisa' bizzejjed bejn l-art u certi partijiet tal- fork lift truck ghall-haddiema abbord, jew b'xi struttura li tipprotegi lill-haddiema fuq is-sedil tas-sewqan sabiex tevita li huma jitghaffgu mill-partijiet tal-fork lift truck li jinqaleb u dan ai termini ta' Art. 4.19 (Skeda I) ta' A.L. 282/04 (A.L. 293/16)*

*6. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li thaddmu nqastu milli tizguraw li apparat tax-xoghol espost ghall-kundizzjonijiet li jikkawzaw deterjorament u li jista' jwassal ghal sitwazzjonijiet ta' periklu insirulu spezzjonijiet perjodici minn persuni kompetenti u spezzjonijiet specjali minn persuni kompetenti kull darba li jsehhu cirkostanzi eccezzjonali li jistghu jipperikolaw is-sigurta' ta' l-apparat tax-xoghol sabiex ikun zgurat li jinzammu kondizzjonijiet tas-sahha u s-sigurta' u r-rizultati ta' l-ispezzjonijiet ghandhom jigu registrati minn min ihaddem u jinzammu ghal perjodu ta' sentejn dan ai termini ta' Art 5. (2) (3) ta' A.L. 282/04 (A.L. 293/16).*

Rat l-imputazzjonijiet.

Rat l-artikoli.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-ewwel imputazzjoni giet irtirata.

Rat li gew irtirati l-imputazzjonijiet rimanenti fil-konfront ta' Oliver Fenech.

Semghet ammissjoni ta' George Douglas Barbaro Sant.

Il-Qorti mhux qieghda ssib lil Oliver Fenech hati tal-imputazzjonijiet stante li dawn gew irtirati.

Fir-rigward ta' George Douglas Barbaro Sant, din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 6 (1) u (2) ta' l-att 27/2000 Kap 424, l-Art 10 (1) ta' l-A.L. 36/03 (S.L. 424.18), Art 4.18 (Skeda I) ta' A.L. 282.04 (A.L. 293/10); Art 4.19 (Skeda I) ta' A.L. 282/04 (A.L. 293/16) u Art 5 (2) (3) ta' A.L. 282/04 (A.L. 293/16) issibu hati tat-tieni, tielet, raba', hames u sitt imputazzjonijiet u tikkundanah multa komplessiva ta' EUR 9,500.

Magistrat Simone Grech

Susan Cassar

Deputat Registratur